# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 42

Il-Ħamis 20 ta' Jannar 2022

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 20 ta' Jannar 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 42.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

42.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Joseph Cauchi u s-Segretarju Eżekuttiv kienu fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill filwaqt li l-Kunsillier Mark Busuttil u l-Kunsillier Juliet Attardi kienu parteċipi għal din il-laqgħa virtwalment.

### 42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

42.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 41 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

42.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

42.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 42.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

42.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf li l-attivitajiet tal-Milied 'A December to Remember 2021' inkluż Jum il-Munxar 2021 saru b'suċċess għajr l-attivita' tal-Father Christmas lejlet il-Milied u l-ħarġa tat-tfal nhar is-27 ta' Diċembru 2021 ħabba ż-żieda fil-każi tal-COVID 19.

42.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li saret laqgħa mal-uffiċċjali tal-Pulizija dwar l-Community Police, liema servizz se jkun qed isir mill-Pulizija Jonathan Spiteri, li beda bis-servizzi tiegħu mix-xahar ta' Diċembru 2021. Laqgħa oħra ser issir matul ix-xahar ta' Jannar dwar kif se jkun qed jopera dan is-servizz.

Kunsill Lokali Il-Munxar

42.3.3 Is-Sindku informa lill-membri li beda x-xogħol ta' restawr ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq Santa Dminka, fid-daħla tar-raħal, liema xogħol se jkun ko-iffinanzjat minn fondi ewropej taħt il-miżura 4.4.

42.3.4 Is-Sindku għarraf lill-membri tal-Kunsill li fil-ġimgħa ta' wara ser ikun qed jibda wkoll ix-xogħol fi Triq L-Isqawi li se jkun jinvolvi l-bini ta' belvedere ġdid kif ukoll ħitan tas-sejjieħ b'ko-finanzjament minn fondi ewropej ukoll.

42.3.5 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill Lokali Il-Munxar rebaħ fondi ewropej oħra taħt l-iskema WIFI4EU li jammontaw għal €15,000 sabiex isiru aktar spazzji b'konnettivita' ta' WIFI b'xejn għall-pubbliku f'żoni madwar il-Munxar u x-Xlendi.

## 42.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

42.4.1 Il-Kunsilliera Juliet Attard issuġġeriet sabiex isiru bollards tal-plastik fil-Wied tax-Xlendi biex jiġi evitat il-periklu speċjalment għall-vetturi. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

42.4.2 Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi ġibed l-attenzjoni dwar periklu ta' ġebel li jista' jaqa' minn sies fi Triq Santa Dminka fil-limiti tar-Rabat Għawdex li għalkemm mhux fil-konfini tal-Kunsill tal-Munxar iżda r-residenti tal-Munxar l-aktar li jagħmlu użu minn din it-triq. Is-Sindku wieġeb li diġa' nġibdet l-attenzjoni tal-awtoritajiet dwar dan il-periklu. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li tintbagħat *reminder*.

42.4.3 Il-Kunsillier, Mark Busuttil issuġġerixxa sabiex il-Kunsill Lokali jressaq proposta lill-awtoritajiet sabiex ikun hemm aċċessibilta' aktar sigura għal min iżur it-torri tax-Xlendi u eventwalment jsiru avvenimenti li jipromwovu x-xogħol li sar u li qed isir f'dan is-sit. Is-Sindku wieġeb li qed jitfassal programm vast biex jiġi nawgurat dan il-proġett.

## 42.5 Proġett Pjazza tal-Knisja;

42.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar l-emendi li ġew proposti fil-pjanta ġew approvati.

Kunsill Lokali Il-Munxar

Dawn jinkludu fost l-oħrajn il-pavimentar tat-toroq li jinsabu fiż-żona tat-tisbieħ u t-twessigħ tat-taraġ li ser ikun qed jagħti għal Triq Damansku.

42.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħol issa miexi ġmielu u mistenni li jkun lest qabel il-festa ta' Mejju 2022.

**42.6 Xogħlijiet ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi;**

42.6.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li minħabba li nstabu l-affreski fuq il-ħitan ta' ġewwa tat-torri kellu jieqaf ftit ix-xogħol sakemm il-Kunsill finalment ottjena l-approvazzjoni tal-fondi biex isir ir-restawr tagħhom. Wara laqgħa li saret bejn il-partijiet kollha, ix-xogħol tkompla u l-proġett mistenni jkun lest sal-aħħar ta' Ġunju 2022.

**42.7 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji (budget) għas-sena 2022;**

42.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-estimi finanzjarji (*budget*) għas-sena 2021.

42.7.2 L-estimi finanzjarji (budget) għas-sena 2021 ġew approvati unanimament minn dawk preżenti u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**42.8 Approvazzjoni tal-*performance appraisals* tal-impjegati tal-Kunsill;**

42.8.1 Is-Sindku ppreżenta l-*performance appraisal report* li hejja tas-Segretarju Eżekuttiv Ryan Debrincat mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021. Il-Kunsill unanimament approva ħlas ta' *performance bonus* sħiħ ta' 10%.

42.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*performance appraisal reports* li hejja tal-iskrivana Nicholette Attard u tal-Assistent Prinċipali Kimberly Spiteri għas-sena 2021. Il-Kunsill unanimament approva ħlas ta' *performance bonus* sħiħ ta' 6% għal dawn l-impjegati.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 42.9 Sejħiet għall-offerti;

42.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li hekk kif approvat fl-aħħar laqgħa, ġew ippubblikati tlett sejħiet għall-offerti: is-sejħa għal servizz professjonali ta' Perit u Inġinier, is-sejħa għall-provvediment ta' *planters*, kif ukoll is-sejħa għax-xogħlijiet taħt l-iskema SPI/SCI/3/2020 biex isir pavimentar fi Triq Dun Spir Gauci fil-Munxar.

42.9.2 Dwar il-bord tal-evalwazzjoni kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill li jinħatru s-Sur William Sultana, il-Perit Edward Scerri u l-accountant Daniel Galea bħala evalwaturi tal-bord filwaqt li s-Sindku jservi bħala *chairman* tal-bord u s-Segretarju Eżekuttiv bħala s-segretarju tal-bord.

## 42.10 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

42.10.1 Ċirkulari DLG 1/2022 – Allokazzjoni Finanzjarja għall-2022. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li ż-żieda fl-allokazzjoni li qed tingħata 94% tagħha tmur għal spejjeż fuq l-amministrazzjoni filwaqt li 6% għal tisbieħ u manutenzjoni tal-ġonna. Rigward manutenzjoni tat-toroq u immaniġjar tal-iskart ingħata l-istess ammont ta' allokazzjoni li kien ingħata għas-sena 2021. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li minbarra din l-allokazzjoni diretta, il-Kunsill Lokali jista' jibbenefika wkoll mill-Fond t'Aġġustament minħabba li ż-żieda fl-allokazzjoni diretta ma qabżitx il-€11,000 u minħabba li fil-lokalita' hemm żona turistika.

42.10.2 Ċirkulari SPI/SCI/9/2021 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill japplika għal din l-iskema, inkluż l-obbligi tal-Kunsill Lokali relatati mal-kontribuzzjoni ta' 15% tal-ispiża totali, biex ikabbar l-attivitajiet li jsiru mill-Kunsill Lokali fi żmien il-Milied b'attivita' taħt it-tinda bis-sehem ta' korijiet u kantanti lokali, logħob għat-tfal u wirja ta' presepji.

42.10.3 Ċirkulari SPI/SCI/1/2022 – Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-*Playing Fields* fil-Lokalitajiet F'Malta u Għawdex. Wara diskussjoni bejn il-membri dwar din l-iskema,

Kunsill Lokali Il-Munxar

kien hemm qbil sabiex il-Kunsill japplika biex isir bust tal-bronze tal-Professur Ġużè Aquilina fil-ġnien li għalih huwa msemmi jiġifieri fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina.

42.10.4 Ambjent Malta – Call for Applications – Local Council Urban Greening Scheme 2022. Is-Sindku talab lill-membri sabiex jaħsbu għal xi proposta li l-Kunsill jista' japplika f'dan ir-rigward u tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss peress li din l-iskema tagħlaq fit-28 ta' Frar 2022.

42.10.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mit-taqsima tal-affarijiet ewropej fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali b'opportunita' ta' fondi għal xogħlijiet fuq toroq rurali taħt il-miżura 4.3 EAFRD b'finanzjament ta' 90% mill-ispejjeż eleġibbli. Fost ix-xogħlijiet li jistgħu jsiru taħt din l-iskema jinkludu interventi ta' kostruzzjoni jew titjib tat-toroq, interventi fuq ponti pedonali, xogħol ta' żebgħa fuq it-toroq, spejjeż marbutin ma periti u inġiniera, kif ukoll spejjeż għall-immaniġjar tat-traffiku waqt li jsiru ix-xogħlijiet imsemmija hawn fuq. Is-Sindku qal li se jkun qed jipproponi proġett fil-laqgħa li jmiss biex il-Kunsill jibbenefika minn dawn il-fondi peress li din l-iskema tagħlaq fil-25 ta' Frar 2022.

42.10.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand persuna li tixtieq li fix-Xlendi issir 'alphabeteer parkrun challenge'. Il-Kunsill talab għal aktar informazzjoni iżda ma kienx hemm oġġezzjoni biex din l-attivita' ssir u jingħataw il-permessi meħtieġa la darba jkun hemm l-approvazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet tas-saħħa u mill-Pulizija.

42.10.7 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li l-Kunsill irċieva kwotazzjoni biex titranġa l-ħsara tal-*photocopier* li hemm fis-sular t'isfel li tammonta għal €430.32. Ma' din il-kwotazzjoni huwa ppreżenta wkoll kwotazzjonijiet ta' *photocopiers* ġodda minħabba l-valur għoli ta' spejjeż biex issir din it-tiswija u minħabba li l-*photocopier* eżistenti hija waħda antika. Kien hemm qbil mill-membri li l-Kunsill jakwista *photocopier* ġdida għall-prezz ta' €1,375 eskluż il-VAT.

42.10.8 Il-Kunsill irċieva stima tammonta għal €1,243 sabiex jiddawwal aktar il-moll u l-*islipway* tax-Xlendi minħabba l-inkonvenjent ta' nuqqas ta' dawl li preżentament qed jaffaċċjaw numru ta' sajjieda

Kunsill Lokali Il-Munxar

u sidien tal-opri tal-baħar. Kien hemm qbil mill-membri biex isir dan ix-xogħol.

42.10.9 Il-Kunsill irċieva notifika dwar it-tiġdid tal-poloz tal-assigurazzjoni li jkopru l-*public liability*, *employers liability* u *all risks trade* li tinkludi l-*bring in sites* tax-Xlendi, il-bini tal-Kunsill Lokali kif ukoll il-proprjeta' fil-beraħ. Kien hemm qbil mill-membri li jsir dan it-tiġdid tal-poloz tal-assigurazzjoni.

42.10.10 Il-Kunsill irċieva diversi kwotazzjonijiet sabiex tinbidel il-*playhouse* ta' Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina. Kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jakkwista *playhouse* li tinqasam f'erba' partijiet u jintgħażlu l-orħos offerenti. Kien hemm qbil ukoll mill-membri sabiex il-*playhouse* l-antika tintrema fil-faċilitajiet adegwati.

42.10.11 DLG – Honoraria and Allowances 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

42.10.12 Ċirkulari Nru AKL 2021/132 – L&M – Managing Information Training Session – 11/02/2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

42.10.13 Ċirkulari Nru AKL 2022/001 – Enemalta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

42.10.14 Ċirkulari Nru AKL 2022/002 – Polza tal-Assigurazjzoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex il-Kunsill iġedded din il-polza.

42.10.15 Ċirkulari Nru AKL 2022/003 – Personal Accident Policy. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex il-Kunsill iġedded din il-polza.

42.10.16 Ċirkulari Nru AKL 2022/004 – L&M – Leading Change – Training Session – 25/01/2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

42.10.17 Ċirkulari Nru AKL 2022/005 – AKL Webinar – Info Session EU Funding Opportunities for Regional and Local Councils 26/01/2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

42.10.18 Ċirkulari Nru AKL 2022/006 – Konsultazzjoni Futur tal-Ewropa. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Munxar

42.10.19 Ċirkulari Nru AKL 2022/007 – Tabelli No Parking (Permessi Kunsilli Lokali). Il-Kunsill innota l-kontenut.

42.10.20 Ċirkulari Nru AKL 2022/008 – Organic waste reimbursements. Il-Kunsill innota l-kontenut.

42.10.21 Ċirkulari Nru AKL 2022/009 – Save the date – LCA Plenary Conference. Il-Kunsill innota l-kontenut.

42.10.22 Ċirkulari AKL 2022/010 - European Capitals of Inclusion and Diversity Award. Il-Kunsill innota l-kontenut.

42.10.23 Ilment 94/2021
Resident jitlob sabiex jeħlu *bollards* fit-tarf ta' passaġġ fi Triq Bardan kif ukoll tinbena selħa li waqgħet minn ħajt tas-sejjieħ taħt ir-riħ tal-istess passaġġ. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir talba fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex biex tinbena s-selħa tas-sejjieħ filwaqt li l-Kunsill jakwista u jinstalla l-*bollards*.

42.10.24 Ilment 95/2021
Jitlob sabiex issir bankina ġdida quddiem ir-residenza l-ġdida tiegħu fi Triq San Pawl. Kien hemm qbil mill-membri li ssir t-talba fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex.

42.10.25 Ilment 96/2021
Jitlob sabiex issir bankina jew bollards quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq il-Munxar peress li ser tinbena gallarija skont il-permess maħruġ mill-Awtorita' tal-Ippjanar u fil-preżent m'hemmx bankina bil-konsegwenza li l-vetturi jistgħu jaħbtu magħha. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jittieħed parir mill-Perit tal-Kunsill minħabba li dik it-triq hija waħda dejqa.

42.10.26 Ilment 01/2022
Jitlob sabiex isir xogħol ta' *patching* fi Triq il-Qsajjem k/m Triq il-Kantra fix-Xlendi minħabba li qed iżomm l-ilma fit-triq ġol-ħofor u qed jikkaġuna ħsara fil-garaxxijiet ta' taħt. Kien hemm qbil mill-membri saabiex jimtlew il-ħofor bil-*cold asphalt* jew jekk hu l-każ jitniżżel fil-lista tal-*major patching*.

Kunsill Lokali Il-Munxar

42.10.27 Ilment 02/2022
Jitlob sabiex isir xogħol ta' żbir fi Ġnien Ragalna quddiem Andar Residence. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

42.10.28 Ilment 03/2022
Jitlob sabiex issir bankina ġdida quddiem ir-residenza l-ġdida tiegħu fi Triq Rinota k/ma T/Ġ fi Triq Rinota fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri li ssir t-talba fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex.

## 42.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

42.11.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 42/2021-8 għall-perjodu bejn l-10 ta' Diċembru 2021 u l-20 ta' Jannar 2022 li tammonta għal €36,702.76 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmen Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Joseph Cauchi s-sekondant.

## 42.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

42.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 8 ta' Frar 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, it-Tlieta 8 ta' Frar 2022.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar